**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Mejju, 2024

Rikors Ġuramentat: 204/22AL

**A B**

**vs.**

**Dr Yanika Bugeja u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati b’digriet tas-26 ta’ Ottubru 2022 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 2148/2004)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 23 ta’ Settembru 2022 li permezz tiegħu l-attur ippremetta kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. ILLI l-attur huwa ċittadin Malti waqt li l-konvenuta hija ċittadina Tajlandiża. L-attur kien iltaqa' mall-konvenuta fis-sena 2001 waqt li huwa kien għal btala fit-Tajlandja;*

*2. Illi minn meta kienu ltaqaw l-partijiet komplew bir-relazzjoni tant li żżewġu fir-Registru Pubbliku ta' Malta fil-21 ta' Jannar tas-sena 2005 u dan minn kif jidher mill-Att taż-żwieġ hawn anness u markat "Dok A" u stabilixxew f'Malta bħala l-pajjiż ta domiċilju tagħhom u d-dar matrimonjali tagħhom li l-attur kellu f'Birżebbuġa;*

*3. ILLI minn dan iz-zwieg il-partijiet f'din il-kawża ma kellhomx ulied;*

*4. ILLI ftit xhur wara ż-żwieġ u cioe' f' Mejju tas-sena 2005 l-konvenuta rritornat għal żjara f'pajjiżha u cioe` t-Tajlandja imma ma reġgħetx lura. U allura minħabba f'hekk f'Ġunju tas-sena 2005 l-attur kien mar fit-Tajlandja sabiex jara x'kienu r-raġunijiet għaliex martu ma tridx tinżel lura Malta. Imma waqt din iż-żjara kien biss darba li l-attur iltaqa' f'laqgħa mall- konvenuta ġewwa lukanda fit-Tajlanja fejn hija ikkommettiet ruħha li ser tirritorna imma dan il-fatt qatt ma immaterjalizza għalkemm l-attur kkuntattjha permezz tat-telefon u minn dak inhar tilef kull kuntatt minn magħha.*

*5. ILLI dan iż-żwieġ falla kawża tal-abbandun ta` martu li kienet stqarret mall-attur li hija qiegħdha tħoss in-nuqqas tal-familjari tagħha u pajjiżha u dan wara li kienet ilha sa minn tlett (3) snin qabel ma żżewġu tiġi tgħix f'Malta għal diversi xhur. Altrimenti l-attur ma jafx li qatt kien hemm xi nuqqasijiet da parti tiegħu li kienu l-kaġun li martu tallontana d-dar matrimonjali u Malta.*

*6. ILLI minn Ġunju tas-sena 2005 sa llum, l-attur għadu ma jafx fejn qed tirrisjedi u tilef kull kuntatt li huwa kellu ma` martu. Tajjeb għalhekk jiġi nnotat li miżżewġin il-kontendenti partijiet għamlu biss ħames (5) xhur biss;*

*7. ILLI qatt ma kien hemm propjeta immobbli u mobbli bejn il-partijiet f'din il-kawża, fejn il-fond matrimonjali Numru X, 'X', Triq X, Birżebbuġa, Malta, kien propjeta' parafernali tal-attur u dan kif ser jigi muri waqt il-*

*produzzjoni tal-provi f'din il-kawża, fejn kopja tal-istess Att Notarili ser tiġi ppreżentata waqt il-produzzjoni tal-provi f'din il-kawża, liema att notarili juri d-data meta tali fond matrimonjali ġie akkwistat mill- attur snin ferm qabel huwa żżewweġ lil konvenuta;*

*8. ILLI l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;*

*GHALDAQSTANT l-esponenti qiegħed, ghar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtiega w opportuna, illi:-*

*1. TIDDIKJARA U TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u TAWTORIZZA lill-attur jgħix separatament minn mal-intimata, waqt li TORDNA r-registrazzjoni tal-imsemmija separazzjoni fi żmien li din il-Qorti tagħti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra tali separazzjoni.*

*2. Prevja li jkunu soddisfatti r-rekwiziti tal-artikolu 66 tal-Kap 16, TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA l-hall taż-żwieg bejn il-partijiet u TORDNA r-registrazzjoni tad-divorzju relattiv fi żmien li din il-Qorti tagħti lid- Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirreġistra tali divorzju.*

*3. TAPPLIKA kontra l-intimata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li hija tilfet kull dritt li tiret lill-attur zewgha jew li tippercepixxi manteniment u kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda.*

*4. IXXOLJI u TITTERMINA l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-intimata hija unikament hatja għas-separazzjoni personali tal-partijiet u TASSENJA porzjon lill-attur u porzjon lill-intimata ope*

*sententiam b'dan illi l-ewwel u qabel kollox ghandu jittiehed kont tal-beni parafernali kollha tal-attur f'dak li llum huwa komunjoni, filwaqt li jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss u tara l-bżonn, tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*5. TORDNA illi l-attur ghandu jibqa' jkollu d-dritt illi jghix u jabita fid-dar konjugali u dana ad eskluzjoni tal-intimata mill-istess dar.*

*6. TGHATI kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

*BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni mir-rikorrenti, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas- subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat id-digriet tas-26 ta' Ottubru 2022[2] li bih ġew appuntati l-Kuraturi Deputati Dr Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] tal-Kuraturi Deputati li fiha eċċepew kif ġej:

*1. Illi l-esponenti ġew nominati bħala kuraturi deputati permezz ta' digriet datat 26 t'Ottubru 2022 sabiex jirrrappreżentaw lil C D, iżda huma għadhom mhux edotti mill-fatti.*

*2. Illi jidher li l-konvenuta rritornat lura pajjiżha, u għalhekk, l-esponenti jitolbu sabiex jingħataw kull forma ta' dettall li r-rikorrent għandu li tista' tgħin sabiex huma jikkomunikaw ma' l-assenti.*

*3. Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba huma jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.*

*4. Illi fuq il-kopja li ngħatat lill-esponenti, ma jidhirx li ir-rikors kien guramentat.*

---

[2] Fol. 12.

[3] Fol. 34.

*Bl-ispejjeż.*

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 2148/2004;[4]

Rat id-digriet tat-12 ta' Settembru 2022[5] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u tawtorizza lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[6];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-azzjoni odjerna

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali, u saħansitra d-divorzju bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta u sussegwentement tikkomina kontra l-konvenuta l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 inkluża li hija titlef kull dritt li tiret lill-attur żewġha jew li tipperċepixxi manteniment u kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Jitlob ix-xoljiment u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jitlob li l-Qorti tordna li jibqa' jkollu d-dritt li jgħix u jabita fid-dar konjugali *ad esklużjoni* tal-konvenuta, u tordna wkoll ir-reġistrazzjoni tad-divorzju relattiv.

Il-Kuraturi Deputati jiddikjaraw li huma ma humiex edotti għall-fatti u ma jippreżentaw l-ebda prova f'dan il-każ.

[44] Fol.6.
[5] Fol. 10.
[6] Verbal tal-11 ta' Jannar 2024 a. fol. 41.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit intavolat b'nota fil-25 ta' Jannar 2023[7], fejn huwa jgħid li ltaqa' mal-konvenuta meta kien għal vaganza mal-ħbieb ġewwa t-Tajlandja. Huma baqgħu f'kuntatt u żżewġu f'Jannar 2005. Madanakollu ftit xhur biss wara, proprju f'Mejju tal-istess sena, l-konvenuta rritornat għal żjara f'pajjiżha u ma ġietx lura Malta. L-attur jgħid li għalhekk f'Ġunju mar hu t-Tajlandja sabiex jara x'inhi r-raġuni għalfejn ma rritornatx. Hemmhekk iltaqa' magħha darba biss ġewwa lukanda fejn jgħid li wiegħditu li ser tirritorna iżda dan m'għamlitux. Maż-żmien bidlet ukoll il-linja tat-telefon u l-attur tilef kull kuntatt magħha. Mill-2005 'l hawn jgħid li qatt ma rnexxillu jerġa' jistabilixxi kuntatt magħha. Jgħid li għalkemm kienet ilha sa minn tlett (3) snin qabel ma żżewwġu tiġi tgħix Malta għal diversi xhur, hija stqarret miegħu li qiegħda tħoss in-nuqqas tal-familjari tagħha u pajjiżha. Huma għalhekk damu miżżewwġin biss ħames xhur meta mbagħad intilef kull kuntatt bejniethom.

*Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:*

Artikolu 41 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-attur jiddebita lill-konvenuta il-ħtija tas-separazzjoni minħabba abbandun min-naħa tagħha wara biss ftit xhur ta' żwieġ. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine **Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe***[8] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed...*" u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-*

[7] Fol. 29.
[8] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.

*zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[9], insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ.

Artikolu 66A(1) imbagħad jistipula illi:

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza"*

U Artikolu 66D:

*"(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba*

---

[9] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

*illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu."*

Iżda f'dan l-isfond il-liġi nostrana titlob illi l-azzjoni tiġi preċeduta minn medjazzjoni. Tgħallem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pisani vs Maria Pisani**[10]

*"18. Fil-qafas tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jassumi relevanza wkoll ir-rekwizit tal-procedura tal-medjazzjoni skont l-Artikolu 66I[1] u r-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjara 12.20, f'kazijiet fejn il-mizzewgin iridu jipprocedu ghal divorzju meta ma jkunux ghadhom separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti. L-iskop tal-medjazzjoni f'dan il-kaz jinsab fl-assistenza li taghti lill-partijiet li jkunu ghadhom mhux separati de iure biex jilhqu qbil dwar l-aspetti relevanti ghall-hall taz-zwieg fosthom "id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata"*[11] *. In propositu huwa appuntu biex jilqa' ghal dawk il-kazijiet fejn dan il-qbil ma jintlahaqx bis-sahha tal-medjazzjoni, illi l-legislatur jesigi li fejn il-komunjoni tal-akkwisti ma tkunx ghadha waqfet, irid ikun hemm il-qbil tan-naha l-ohra biex il-komunjoni tista' tieqaf minghajr ma tigi wkoll likwidata. Inkella din trid tigi wkoll likwidata."*

Il-kundizzjonijiet għall-ksib tad-divorzju huma s-segwenti elenkati f'Artikolu 66B tal-Kap 16:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis- 26 ta' Jannar 2018 (Rik. Nru. 156/14 RGM)

[11] Artikolu 66I[1][e].

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern</u>

L-attur jattribwixxi l-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ lill-konvenuta li jgħid li wara ftit xhur abbandunat iż-żwieġ tagħhom. L-unika provi li l-Qorti għandha quddiemha sfortunatament hija x-xhieda tal-attur, mhux kontradetta. Madanakollu miċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tara li l-abbandun ġie ppruvat u ma hemm l-ebda dubju li kienet x'kienet ir-raġuni, il-konvenuta abbandunat għal kollox mhux biss iż-żwieġ iżda wkoll pajjiżna u marret lura f'art twelidha, bl-ebda indikazzjoni ta' xewqa jew intenzjoni li tirritorna f'dan iż-żwieġ. Il-konvenuta la tidher li żammet ebda kuntatt

mal-attur mis-sena 2005 (l-istess sena taż-żwieġ tal-kontendenti) u lanqas bl-ebda mod ma setgħet tinstab għal fini ta' dawn il-proċeduri.

Illi mill-atti proċesswali u l-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma rriżultat l-ebda raġuni valida li tiġġustifika l-abbandun kommess mill-konvenuta meta l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin mill-2001 imbagħad iżżewwġu, marru joqgħodu fid-dar provduta mill-attur u kienu ilhom biss miżżewwġin għal erba' xhur meta l-konvenuta iddeċidiet li titlaq lura pajjiżha u ma tirritornax. Għaldaqstant hija kienet ilha taf lill-attur u ma jidhirx li kellha problemi miegħu għaliex wara dak iż-żmien jafu lil xulxin iżżewġitu. Madanakollu anke jekk għas-saħħa tal-argument kien hemm raġunijiet biex il-konvenuta tissepara minn ma l-attur għal xi raġuni mhux pruvata f'dawn il-proċeduri, hija ma ħaditx il-passi legali meħtieġa biex tikseb is-separazzjoni formalment u skont il-proċeduri lokali.

Għalhekk, wara li eżaminat il-provi u ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement pruvat illi l-konvenuta abbandunat iż-żwieġ mingħajr raġuni tajba u għal aktar minn sentejn, u għalhekk hija responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 41 tal-Kap 16. Il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenuta qatgħet kull kuntatt f'Ġunju 2005 u għalhekk irrendiet ruħha ħatja tal-firda, kawża tal-abbandun sa minn l-1 ta' Lulju 2007.

L-attur jitlob ukoll il-ħall taż-żwieġ. In ottempranza mal-Artikoli relattivi tal-Kap 16, l-attur jippreżenta talbiet maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni u għalhekk il-Qorti fl-istess sentenza qed tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti u sussegwentement tawtorizza l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet. L-attur, in ottemperanza ma' l-Artikolu 66, fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni qabel ma ġie awtoriżżat jibda dawn il-proċeduri; madanakollu naturalment peress li l-konvenuta telqet għal kollox mill-pajjiż hija ma attendietx għal dawn il-proċeduri u għalhekk ma seta' jsir l-ebda attentat ta' rikonċiljazzjoni.

It-talba għall-ħall taż-żwieġ tissodisfa wkoll il-kriterji li l-Liġi tagħna telenka f'Artikolu 66B fejn il-kontendenti ilhom separati *de facto* mis-sena 2005 u ċertament li miċ-ċirkostanzi tal-każ irriżulta li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni. Ma jingħata l-ebda manteniment bejn il-

konjuġi u bl-abbandun il-konvenuta tilfet il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attur u l-Konvenuta:**

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attur f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kap 16 u dan b'effett minn l-1 ta' Lulju 2007 minn liema d-data jirriżulta l-abbandun.

4. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladaraba l-partijiet iżżewġu nhar il-21 ta' Jannar 2005, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti għandha quddiemha biss affidavit tal-attur u minn dan jirriżulta li ma kienx hemm assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt l-attur jgħid li d-dar matrimonjali kienet parafernali tiegħu akkwistata minnu qabel l-ewwel żwieġ u għalhekk żmien qabel iż-żwieġ suġġett ta' din il-kawża. Il-partijiet fil-fatt tant damu miżżewwġin għal ftit żmien li jidher li ma laħqux bnew assi bejniethom.

Jidher biċ-ċar illi minn Ġunju 2005 il-konvenuta abbandunat lill-attur u ma wriet l-ebda intenzjoni jew disponibbiltà li ssalva ż-żwieġ tagħhom u għalhekk irrendiet ruħha ħatja tat-tifrik taż-żwieġ kawża tal-abbandun minn sentejn wara dik id-data u għalhekk il-Qorti ttermina l-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn l-1 ta' Lulju 2007.

Peress li ma hemmx prova ta' assi x'jiġu likwidati u diviżi l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dik it-talba. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz 'X', No X, Triq X, Birżebbuġa ma jibqax jitqies bħala d-dar matrimonjali. Din id-dar hija proprjetà parafernali tal-attur u ma għandhiex tibqa' titqies bħala d-dar matrimonjali u l-attur għandu dritt jabita fiha *ad esklużjoni* tal-konvenuta.

Il-Qorti ma tara ebda ħtieġa li tinnomina nutar jew kuraturi għall-eventwali kontumaċi kif mitlub, u għalhekk se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tar-raba` talba.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi u dana bi ħtijiet ta' abbandun *da parti* l-konvenuta u tawtorizza lill-attur jgħix separatament mill-konvenuta u tawtorizza lill-attur jirreġistra t-tali sentenza;

2. Tilqa t-tieni talba attriċi u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata,* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

3. Tilqa' t-tielet talba u *stante* li l-konvenuta nstabet ħatja tat-tifrik taż-żwieġ ħabba abbandun, tapplika fil-konfront tagħha l-effetti kollha li jipprovdi għalihom Kap 16 f'Artikolu 48;

4. Tilqa' r-raba' talba u tittermina u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet b'effett minn l-1 ta' Lulju 2007, filwaqt li tastjeni milli tassenja porzjonijiet lill-partijiet skont il-provvedimenti tar-raba' (4) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

5. Tilqa' l-ħames talba u tordna illi l-attur għandu jibqa' jkollu d-dritt li jgħix u jabita fid-dar konjugali *ad esklużjoni* tal-konvenuta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.